



Brussell, 1 ta' Lulju 2025
(OR. en)

10217/25

LIMITE

CCG 24

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0125(NLE)

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati fir-rigward tal-Linja Komuni biex tiġi estiża l-eliġibbiltà tal-Ukrajna għall-għajnuna marbuta

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament
dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati
fir-rigward tal-Linja Komuni biex tiġi estiża l-eliġibbiltà tal-Ukrajna għall-għajnuna marbuta**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-linji gwida li jinsabu fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati (l-"Arranġament"), żviluppata fi ħdan il-qafas tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), ġew trasposti u b'hekk magħmula legalment vinkolanti fl-Unjoni bis-saħħa tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (2) L-Artikolu 32 tal-Arranġament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-pajjiżi għall-ghajjnuna marbuta. F'konformità mal-paragrafu (a) tiegħu, l-ebda għajjnuna marbuta ma tista' tingħata lil pajjiżi li l-introjtu nazzjonali gross (ING) per capita tagħhom, skont id-data tal-Bank Dinji, ikun oġġla mil-limitu massimu għall-pajjiżi b'introjtu medju inferjuri. Pajjiż jiġi rriklassifikat biss wara li l-kategorija tiegħu skont il-Bank Dinji tkun baqgħet l-istess għal sentejn konsekuttivi.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 35(e) tal-Arranġament, Parteċipant fl-Arranġament jista', eċċezzjonalment u soġġett għall-adozzjoni ta' Linja Komuni, jipprovdi għajjnuna marbuta lil pajjiż li nkella ma jkunx eliġibbli skont l-Artikolu 32 tal-Arranġament.
- (4) F'Lulju 2025, il-Bank Dinji kklassifika lill-Ukrajna bħala pajjiż b'introjtu medju superjuri għat-tieni darba. Dan jimplika li l-Ukrajna ma għadhiex eliġibbli li tirċievi għajjnuna marbuta. Madankollu, f'konformità mal-impenn sod tal-Unjoni li tipprovdi appoġġ lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun meħtieġ, huwa fl-interessi tal-Unjoni li tkompli tkun tista' tagħti għajjnuna marbuta lill-Ukrajna.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/1233/oj>).

- (5) Il-Parteċipanti fl-Arranġament (il-"Parteċipanti") għandhom jiddeċiedu, fi proċedura bil-miktub, dwar il-proposta tal-Unjoni Ewropea għal Linja Komuni f'konformità mal-Kapitolu IV, it-Taqsima 5 tal-Arranġament biex l-eliġibbiltà għall-għajjnuna marbuta tal-Ukrajna tiġi estiża.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 59(a) tal-Arranġament, il-Linji Komuni huma validi għal perjodu ta' sentejn. Il-Linji Komuni li ma għandhomx x'jaqsmu ma' tranżazzjoni speċifika jistgħu jiġu estiżi f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 54 sa 58 tal-Arranġament. Peress li l-Unjoni jista' jkollha bżonn tkompli ttiprovdi appoġġ eċċezzjonali lill-Ukrajna għal aktar minn sentejn, huwa fl-interessi tal-Unjoni li tkun tista' taqbel dwar l-estensjoni tal-Linja Komuni proposta sa massimu ta' erba' snin.
- (7) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni dwar il-Linja Komuni proposta li testendi l-eliġibbiltà tal-Ukrajna għall-għajjnuna marbuta kif ukoll l-estensjoni ulterjuri potenzjali tagħha, billi l-Linja Komuni proposta, ladarba jintlaħaq qbil dwarha, tkun vinkolanti fuq l-Unjoni u ser tkun tista' tinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni permezz tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti tkun li tappoġġa l-proposta bbażata fuq l-abbozz tal-Linja Komuni meħmuż ma' din id-Deċiżjoni, u li tappoġġa estensjoni potenzjali tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati (il-"Parteċipanti") fir-rigward tal-Linja Komuni biex l-eliġibbiltà tal-Ukrajna għall-għajnuna marbuta tiġi estiża għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tal-Linja Komuni meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.
2. Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fir-rigward tal-estensjoni tal-Linja Komuni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun li tappoġġa l-estensjoni sa massimu ta' erba' snin.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
